Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAD-DISA' LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 26 ta' Settembru 2012 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | | |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT (Skuzat) |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Is-Sindku beda l-laqgha billi ppropona li ssir talba ghal bzonnijiet tat-Tabib Herbert Messina Ferrante u Maria Zammit li prezentament jinsabu ma jifilhux.

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI.**
   Il-minuti ġew approvati wara lis-Sur Gerry Borg talab li mal-punti mqajjma tas-Sur Stefan Cordina jizdied il-kliem 'li kull min beda jirregistra irid jidhol taht din l-iskema'. Hawnhekk is-Sur Remigio Bartolo intervjena u qal li ghalkemm m'ghandu l-ebda oggezzjoni li din tizdied, bhal ma hadd ma kellu oggezzjoni, hu jtenni li l-minuti huma wisq twal u wisq fid-dettal, u li dawn ghandhom ikunu 'in point form'. Is-Segretarju Ezekuttiv qablet mieghu pero qalet ukoll li ma tixtieqx li wara kull laqgha nispiccaw bil-korrezzjonijiet tal-minuti minhabba xi statement nieqes. Hawnhekk saret ukoll mistoqsija minn naha tas-Sur Borg ghaliex ghadu qed jingabar l-iskart domestiku nhar ta' Hamis? Is-Sur Cordina irribatta li hu ta ordni biex dan jingabar u jekk hemm xi membri ohra li ma jaqblux li dan jingabar nhar ta' Hamis, jittiehed vot jekk jahsbu li hu ghamel zball. Hu qal li l-iskop tieghu kien li peress li n-nies ma kienux infurmati sew fuq il-gbir riciklabbli nhar ta' Hamis, sakemm jitqassam il-kalendarju iktar dettaljat, hu ha d-decizjoni li l-iskart ma jithalliex fit-toroq sa l-ghada. Is-Sur Marco Spiteri qal li qabel is-Sur Cordina ha tali decizjoni, kien cempillu u ghalih taghmel sens li jingabar. Is-Sur Bonnici qabel ukoll filwaqt li s-Sur Spiteri qal li din kienet proposta ta' emergenza u ghaldaqstant, kif kompla s-Sur Bartolo, kienet decizjoni prattika. Is-Sur Cassar staqsa min ser iqassam il-kalendarju. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li dan ser jitqassam mill-Maltapost bhas-soltu, imma ser ikun hemm koordinament biex jigi assigurat li dan jitqassam kullimkien.

2. **KORRISPONDENZA**
   🗁 Prezentazzjoni ta' kopja ta' '2012 Revisions to the 2006 Ta' Qali Action Plan'. Il-Kunsilliera talbu kopja ta' dan id-dokument soft copy li ser jitnizzel minn fuq il-website tal-MEPA
   🗁 Email minghand Abigail Williams rigward talba sabiex isir party 'trick or treat' nhar it-2 ta' Novembru fl-iSkola Primarja Tumas Dingli. Is-Sur Cordina qal li dawn talbu biss l-ghajnuna tieghu sabiex juzaw il-hall tal-iskola u fil-fatt hu kien ha jkellem lis-Sur Anthony Spiteri, Kap tal-ISkola. Is-Sur Spiteri ma qabilx li kif jidher fil-poster, din issir taht il-kappa tal-Kunsill minhabba li mhiex xi haga ta' natura serja u hafna drabi dawn ikunu

immotivati minn cajt. Ghaldaqstant gie deciz li tinghadda kelma mal-iSkola imma nieqfu hemm.

🗁 Email minghand Ann Rose Toledo, rigward talba sabiex jigu organizzati korsjiet ta' Self Empowerment Skills for Women Returners. Din it-talba giet milqugha u ghandu jsir avviz fir-rivista ta' Dicembru.

🗁Email minghand Borg Marie Jeanne rigward qualification allowance li l-Kunsill qed jirreferi ghaliha f'dan il-mument minhabba li s-Sinjorina Yanica Calleja lahqet punt erbgha ta' din l-email jigifieri li hi intitolata ghal qualification allowance/diploma Level 5/Euro 349.41 per annum. Din it-talba giet milqugha minn kulhadd pero ghandu jigi l-ewwel iccekkjat mal-Malta Qualifications Council jekk dan l-ezami ABE Level 5 jikkwalifikax mal-istandards mitluba minn Malta.

🗁 Email ohra minghand Maria Farrugia Wasteserv rigward il-European Waste Reduction Awards sabiex jintlaqghu idejat kif jista' jitnaqqas l-iskart u jigu fil-prattika bejn is-17 u l-25 ta' Novembru. Kull min hu interessat jista' japplika fuq il-websajt sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru.

🗁 Ittra minghand is-Sur George Borg Cardona rigward problem ta' flooding fi Triq Sant'Anton. It-talba tas-Sur Borg Cardona tikkonsisti f'channeling ta' l-ilma tax-xita li jinzel minn Ta' Fgieni ghal Triq Sant'Anton lejn Triq Lord Strickland u li iktar minn hekk, l-ilma li niezel minn Triq Annibale Preca, jigi devjat lejn Triq il-Kbira, Balzan. Sfortunatament, tali talba mhiex daqshekk accessibli minhabba li Triq Annibale Preca ghadha kemm giet ittarmakkjata mill-Kunsilli Lokali Lija u li il-Kunsill Lokali Attard mhux f'pozizzjoni li jaqla toroq ghar-resurfacing minhabba li problem ta' flooding hawn diversi madwar ir-rahal u l-Kunsill qed jistenna sabiex jara xi svolgiment ser ikun hemm meta jitlesta in-National Flood Relief Project li bhalissa qieghed fi stadju avvanzat.

🗁 Email minghand Silvia Galea rigward Sleeping Policeman fi Triq l-Isfargel sabiex din titnehha. Peress li l-gharghar kien relatat max-xita qawwija tat-3 ta' Settembru gie deciz li flok titnehha, tigi mmewta min-nofs sabiex ikun hemm iktar access minn fejn jghaddi l-ilma. Din is-sitwazzjoni tigi riveduta jekk il-problema tibqa' tippersisti, haga li tul ix-xitwa li ghaddiet ma kien hemm l-ebda ilment fuqha.

🗁 Email minghand Giorgio Schembri rigward xogholijiet fi Triq il-Wied ta' Rmiedi konnessi ukoll ma' gharghar. Gie deciz li peress li din ukoll hija problema nazzjonali, il-Kunsill qed jirrivolgi ruhu lejn il-Gvern Centrali ghal olterazzjonijiet u rimedji konnessi anki mal-Flood Relief Project.

🗁 Email minghand Roberta Genovese sabiex titwassal l-ideja li telephone boxes antiki jigu mibdula f'librerij zghar fejn in-nies ikunu jistghu jiddepozitaw u iselfu kotba li huma ikunu ga qraw. Naturalment dawn il-book boxes iridu ikunu mghammra b'sistema ta' CCTV. Din it-talba ma gietx milqugha minhabba li t-telephone box antika prezenti ghadha qed tintuza.

🗁 Email minghand Is-Sinjura Isabella Camilleri Aquilina rigward Skema Accessibilita Ahjar Memo 7/2010. Il-Bord ma laqax it-talba tal-Kunsill sabiex xogholijiet li diga' saru fuq bankini jigu accettati taht l-iskema. Gie deciz li sas-7 ta' Dicembru l-Kunsill fejn jista' jissottometti progetti godda

**3. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI AWWISSU**

Il-pagamenti ghax-xahar ta' Awwissu gew approvati.

**4. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-KWART TAS-SENA APRIL/GUNJU**

Ir-Rapport gie approvat.

Is-Sur Spiteri skuza ruhu u halla l-kamra

**5. 3-YEAR BUSINESS PLAN – DISKUSSJONI PROGETTI**

Is-Sur Ralph Cassar ressaq lista ta' proposti ghal pjan ta' tlett snin li fosthom jinkludu:

- bdil tad-dwal tat-toroq f'dawl tat-tip LED
- mobilita' ilqugh ghal waqfiet tal-linja, shelters ghal bus stops
- centru ta' nformazzjoni u librerija pubblika li tixraq lil H'Attard

- restawr tal-linja tal-ferrovija
- aktar imsagar madwar ir-rahal

Is-Sur Gerry Borg ressaq dawn il-proposti:

- Day care centre. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li trid issir applikazzjoni lil Ministeru ikkoncernat minhabba li din ma tidholx taht it-3-year business plan.
- Night Shelter. Din ukoll bhall punt ta' qabel. Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-proposti:
- Ufficini tal-Kunsill
- Centru Civiku. Huwa qal li ghandu jkun hemm progett wiehed u progett tajjeb. Is-Sur Gerry Borg qal li nistghu inkomplu naraw xi skemi hemm

**6. FOLLOW-UP LAQGHA MEUSAC**

Is-Sur Remigio Bartolo ta rendikont tal-laqgha li hu u s-Segretarju Ezekuttiv kellhom mal-MEUSAC. Huwa qal li proposta interessanti hija dik ta' DVD fuq H'Attard liema applikazzjoni trid tigi sottomessa sal-ahhar ta' Jannar. Ghalhekk ghandu jsir kuntatt maz-zghazagh tar-rahal sabiex wiehed jara jekk dan id-DVD jistax isir. Il-fond taht din l-applikazzjoni huwa ta' €5000 u z-zghazagh iridu jkunu mill-25 sena 'l fuq. Ha ssir laqgha ma' dawn iz-zghazagh.

**7. UPDATE AVUKAT KAWZA BARRIERA WIED INCITA**

Il-Kunsill iddecieda li jipprocedi bil-kawza kontra sid il-barriera u ghaldaqstant ghandu jigi kkuntattjat l-avukat tal-Kunsill sabiex jinbdew il-proceduri.

**8. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dawn il-punti:

- Li regghet harget it-tender tar-resurfacing ta' bejn il-binjiet tal-Qasam Bini tal-Gvern minhabba li hadd ma gabar it-tender. Din ha taghlaq fil-31 t'Ottubru
- Ressaq ilment rigward rapporti tal-Pulizija li kull min irid jaghmel rapport ghandu jissottometti ismu u kunjomu u fejn jidhlu affarijiet civili, dawn ghandhom jigu sottomessi mill-individwu stess.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Gibed l-attenzjoni li Triq il-Linja hdejn l-Ambaxxata Amerikana qed tinkiser hafna l-ligi u li hemm bzonn li jkun hemm warden iktar spiss
- Talab biex tintbaghat ittra lil-Lands Department sabiex tigi identifikata l-area pubblika wara Gnien Hal Warda.
- Talab li jigi infurmat meta jibdew il-korsijiet taz-Zumba.

Is-Sur Gerry Borg ressaq dawn il-punti:

- Talab li jinghadda Customer Care sabiex jerga' jsir dak il-Bus Stop li kien waqa' bil-bord fuqu, fi Triq il-Belt Valletta

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Talab li jsir appuntament mas-Sur Roberto Drago rigward punt ga mqajjem f'item numru 6.
- Informa l-Kunsill li hu ser ikun imsiefer bejn il-5 u l-10 t'Ottubru u li waqt din is-safra privata ser jiltaqa' mal-Ambaxxatur Malti ghal Franza Clive Agius u li f'dan il-laqgha informali ser ikun jista' izur Elancourt bit-tama li din il-lokalita' tigi ggemellata mal-lokalita' ta' Ħ'Attard.
- Talab li tigi aggornata il-website u li jittellaw ir-ritratti l-godda tal-Kunsilliera.

Is-Sur John P Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Tinzabar sigra tad-dar Appleton fi Triq iz-Zir
- Li ssir MC Bay fi Triq A Durer

- Li fi Triq il-Kbira hdejn it-Telephone Box isir accessibbli ghad-dizabbli
- Li jitnaddfu l-culverts f'Imdina Road
- Li jitnaddaf il-haxix f'Wied Irmiedi
- Li jinzerghu is-sigar ta' hdejn il-flatsijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li dan ha jsir ghal nofs Ottubru
- Li tittranga l-iSleeping Policeman fi Triq il-Pitkali u ssir b'zebgha li tkun iktar prominenti
- Li jitnaddfu il-fanali dekorattivi ta' madwar ir-rahal
- Li jkun hemm Nurse fil-berga li tehodlok il-pressjoni mhux bl-appuntament. Is-Sur Remigio Bartolo qal li tista' ssir ittra lil Health Centre tar-Rabat u jinghaddew punti dwar x'titjib il-Kunsill jahseb li jista' jsir fosthom per ezempju hinijiet iktar spissi, ghotja tal-injections, servizzi relatati ma' Speech Therapy u Autism, specjalment l-uzu tal-kmamar sabiex il-Kunsill ikun jista' jamministra l-injection annwali tal-influwenza.

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti li fuqhom xtaq ifakkar u li kienu mressqin fil-laqgha tal-14 ta' Mejju 2012:

- Li Triq il-Linja issir 'One Way' mis-Supermarket M4 sal-USA residence minhabba periklu li t-triq giet dejqa wisq peress li qed jipparkjaw maz-zewg nahat tat-triq u jghaddu vetturi goffi
- Fi Triq l-Imdina madwar mitt metru 'l isfel mit-triq ta' l-entratura tal-isptar Monte Carmeli ma' l-istess naha, hemm arblu tad-dawl f'nofs bankina dejqa li hu ta' periklu wkoll fejn it-triq tidjieq meta tikkunsidra li l-vetturi goffi ikunu telghin b'certa velocita lejn id-direzzjoni tar-Rabat
- Isiru bankini (fejn m'hemmx) jew ahjar linji, ghall-'pedestrians' maz-zewg nahat ta' Triq Haz-Zebbug
- Accenna dwar il-bzonn ta' Berga tas-Sahha, li ghallinqas tiftah kuljum, b'nurse u tabib.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li dawn il-punti ittiehdet azzjoni fuqhom fejn necessarju u skont kif jaqghu taht ir-responsabbiltajiet tal-Kunsill.

**9. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.30pm għat-29 ta' Ottubru fis-6pm.

________________________ ____________________

Sindku Data